SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

19 ta' Diċembru 2012 *

"Trade mark Komunitarja — Regolament (KE) Nru 207/2009 — Artikolu 15(1) — Kunċett ta' 'użu ġenwin mit-trade mark' — Portata territorjali tal-użu — Użu tat-trade mark Komunitarja fit-territorju ta' Stat Membru wieħed — Suffiċjenti"

Fil-Kawża C-149/11,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa minn Gerechtshof te 's-Gravenhage (il-Pajjiżi l-Baxxi), permezz ta' deċiżjoni tal-1 ta' Frar 2011, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-28 ta' Marzu 2011, fil-proċedura

Leno Merken BV

vs

Hagelkruis Beheer BV,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn A. Rosas, li qed jaġixxi bħala President tat-Tieni Awla, U. Lõhmus (Relatur), A. Ó Caoimh, A. Arabadjiev u C. G. Fernlund, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: E. Sharpston,

Reġistratur: M. Ferreira, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tad-19 ta' April 2012,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Leno Merken BV, minn D. M. Wille, avukat,

— għal Hagelkruis Beheer BV, minn J. Spoor, avukat,

— għall-Gvern Olandiż, minn C. Wissels u C. Schillemans, bħala aġenti,

— għall-Gvern Belġjan, minn J.-C. Halleux, bħala aġent,

— għall-Gvern Daniż, minn C. H. Vang, bħala aġent,

— għall-Gvern Ġermaniż, minn K. Petersen, bħala aġent,

* Lingwa tal-kawża: l-Olandiż.

— għall-Gvern Franċiż, minn J. Gstalter, bħala aġent,

— għall-Gvern Ungeriż, minn M. Ficsor kif ukoll minn K. Szíjjártó u K. Molnár, bħala aġenti,

— għall-Gvern tar-Renju Unit, minn S. Ossowski, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn T. van Rijn, F. W. Bulst u F. Wilman, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2012,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 15(1), tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, p. 1).

2 Din it-talba ġiet imressqa fil-kuntest tal-kawża tal-kawża bejn Leno Merken BV (iktar 'il quddiem "Leno") u Hagelkruis Beheer BV (iktar 'il quddiem "Hagelkruis") fir-rigward tal-oppożizzjoni magħmula minn Leno, proprjetarju tat-trade mark Komunitarja ONEL, għar-reġistrazzjoni minn Hagelkruis tat-trade mark Benelux OMEL.

Il-kuntest ġuridiku

Ir-Regolament Nru 207/2009

3 Skont il-premessi 2 sa 4, 6 u 10 tar-Regolament Nru 207/2009:

"(2) Ikun tajjeb illi wieħed jippromwovi fil-Komunità kollha l-iżvilupp armonjuż ta' attivitajiet ekonomiċi kif ukoll espansjoni kontinwa u bilanċata permezz tal-ksib ta' suq intern li jiffunzjona sew u li joffri kundizzjonijiet simili għal dawk ta' suq nazzjonali. Sabiex jinħoloq suq ta' dan it-tip li jkun dejjem iżjed suq waħdieni, hemm bżonn li mhux biss jitneħħew kull ostakoli għall-moviment liberu ta' merkanzija u servizzi u li jsiru arranġamenti li jiżguraw li l-kompetizzjoni ma tiġix ostakolata, imma wkoll, li jinħolqu kundizzjonijiet legali li jippermettu li l-impriżi jaddattaw l-attivitajiet tagħhom għall-iskala tal-Komunità, kemm fil-manufattura u fid-distribuzzjoni ta' beni kif ukoll fil-provvediment ta' servizzi. Għal dawn l-għanijiet, fost l-istrumenti legali għad-dispożizzjoni tal-impriżi għandu jkun hemm trade marks li jippermettu li l-prodotti u s-servizzi ta' dawn l-istess impriżi jintgħarfu b'mod identiku fil-Komunità kollha, irrispettivament mill-fruntieri.

(3) Sabiex jintlaħqu l-imsemmija għanijiet tal-istess Kommunità, jidher neċessarju li jkun hemm arranġamenti Komunitarji għar-rigward ta' trade marks li permezz tagħhom impriża tkun tista' tikseb trade mark Komunitarja taħt sistema proċedurali waħda, u li din it-trade mark tingħata l-istess livell ta' protezzjoni u tkun effettiva bl-istess mod fil-Komunità. Jinħtieġ li l-prinċipju tal-karattru waħdieni tat-trade mark Komunitarja, espress f'dan is-sens, japplika dejjem, ħlief fejn dan ir-Regolament jipprovdi mod ieħor.

(4) L-ostakoli tat-territorjalità tad-drittijiet mogħtija lill-proprjetarji ta' trade marks mil-liġijiet tal-Istati Membri ma jistgħux jitneħħew bl-approssimazzjoni tal-liġijiet. Sabiex attività ekonomika libera fis-suq intern kollu tintfetaħ għall-benefiċċju tal-impriżi, jinħtieġ li t-trade marks ikunu regolati b'mod uniformi minn liġi Komunitarja li tkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

[…]

(6) Madanakollu l-liġi Komunitarja dwar trade marks ma tissostitwix il-liġi tal-Istati Membri dwar trade marks. Ma jidhirx li huwa ġustifikat li l-impriżi jkunu meħtieġa li japplikaw għar-registrazzjoni tat-trade marks tagħhom bħala trade marks Komunitarji. It-trade marks nazzjonali jibqgħu meħtieġa għal dawk l-impriżi li ma jkunux jeħtieġu l-protezzjoni tat-trade marks tagħhom fil-livell Komunitarju.

[…]

(10) M'hemm ebda ġustifikazzjoni għall-protezzjoni ta' trade marks Komunitarji jew, għall-protezzjoni favur trade mark li tkun ġiet irreġistrata qabel trade mark Komunitarja, ħlief fejn it-trade marks ikunu fil-fatt qed jintużaw."

4 L-Artikolu 1(2) ta' dan ir-regolament jipprovdi:

"It-trade mark Komunitarja għandha karattru unitarju. Hija għandha jkollha l-istess effett fil-Komunità kollha: ma tistax tiġi reġistrata, trasferita jew ċeduta, jew tkun is-suġġett ta' deċiżjoni li tirrevoka d-drittijiet tal-proprjetarju jew li tiddikjaraha bħala invalida, u lanqas ma jista' jiġi projbijt l-użu tagħha, sakemm mhux fir-rigward tal-Kommunità kollha. Dan il-prinċipju għandu japplika sakemm dan ir-Regolament ma jipprovdix mod ieħor."

5 Skont l-Artikolu 15 ta' dan ir-regolament, intitolat "L-użu ta' trade marks Komunitarji":

"1. Jekk, fi żmien ħames snin wara r-reġistrazzjoni, il-proprjetarju ma jkunx għamel użu ġenwin mit-trade mark Komunitarja fil-Komunità f'konnessjoni mal-prodotti jew mas-servizzi li għalihom tkun reġistrata, jew jekk dan l-użu jkun ġie sospiż għal perjodu kontinwu ta' ħames snin, it-trade mark Komunitarja għandha tkun soġġetta għas-sanzjonijiet li jipprovdi dan ir-Regolament, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet xierqa għal dan in-nuqqas ta' użu.

Dawn li ġejjin jikkostitwixxu użu kif inhu mifhum fl-ewwel subparagrafu:

a) l-użu ta' trade mark Komunitarja f'forma li hija differenti imma biss fir-rigward ta' ċerti elementi li ma jbiddlux il-karattru distintiv tal-marka fil-forma kif hija ġiet reġistrata;

b) it-twaħħil tat-trade mark Komunitarja ma' prodotti jew mal-imballaġġ tagħhom fil-Komunità għal skopijiet ta' esportazzjoni biss.

2. L-użu ta' trade mark Komunitarja bil-kunsens tal-proprjetarju għandu jitqies li jikkostitwixxi użu mill-proprjetarju."

6 L-Artikolu 42(2) u (3) ta' dan ir-regolament, intitolat, "Eżaminazzjoni tal-oppożizzjoni" jipprovdi:

"2. Fuq talba tal-applikant, il-proprjetarju ta' trade mark Komunitarja preċedenti li jkun għamel notifika għandu iġib provi li, waqt il-perjodu ta' ħames snin qabel id-data ta' pubblikazzjoni tal-applikazzjoni għal trade mark Komunitarja, ikun sar użu ġenwin mit-trade mark Komunitarja preċedenti fil-Komunità f'konnessjoni mal-prodotti jew servizzi li għalihom hija tkun reġistrata u li huwa qiegħed isemmi bħala ġustifikazzjoni għall-oppożizzjoni tiegħu, jew li hemm raġunijiet validi għalfejn m'għandhiex tintuża, sakemm it-trade mark Komunitarja preċedenti tkun f'dik id-data ilha reġistrata għal mhux inqas minn ħames snin. F'nuqqas ta' provi ta' din ix-xorta, l-oppożizzjoni għandha tiġi miċħuda. […]

3. Il-paragrafu 2 japplika għal trade marks nazzjonali preċedenti msemmija fl-Artikolu 8(2)(a), u dana billi l-użu f' l-Istat Membru fejn it-trade mark nazzjonali preċedenti hija protetta jiġi sostitwit b'użu fil-Komunità."

7 L-Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009, intitolat "Raġunijiet għal revoka", jiddisponi:

"Id-drittijiet tal-proprjetarju ta' trade mark Komunitarja għandhom jiġu ddikjarati bħala revokati malli ssir applikazzjoni lill-Uffiċċju [għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)] jew fuq il-bażi ta' kontrotalba fi proċedimenti ta' vjolazzjoni:

a) jekk, għal perjodu kontinwu ta' ħames snin, ma jkunx sar użu ġenwin mit-trade mark fil-Komunità f'konnessjoni mal-prodotti jew servizzi li għalihom hija tkun reġistrata, u ma jkunx hemm raġunijiet siewja għal dan in-nuqqas ta' użu; […]"

8 Skont l-Artikolu 112 ta' dan ir-regolament:

"1. L-applikant jew il-proprjetarju ta' trade mark Komunitarja jista' jitlob li l-applikazzjoni għal trade mark Komunitarja jew it-trade mark Komunitarja tiegħu tinqeleb f'applikazzjoni għal trade mark nazzjonali.

a) sakemm l-applikazzjoni għal trade mark Komunitarja tkun ġiet miċħuda, irtirata, jew meqjusa bħala irtirata;

b) sakemm it-trade mark Komunitarja tieqaf milli jkollha effett.

2. Il-konverżjoni m'għandhiex isseħħ:

a) meta d-drittijiet tal-proprjetarju ta' trade mark Komunitarja jkunu ġew revokati minħabba nuqqas ta' użu, sakemm it-trade mark Komunitarja ma tkunx intużat fl-Istat Membru li għalih tkun qiegħda tintalab il-konverżjoni b'mod li jitqies bħala użu ġenwin taħt il-liġijiet ta' dak l-Istat Membru;

[…]"

Id-Direttiva 2008/95/KE

9 Il-premessa 2 tad-Direttiva 2008/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Ottubru 2008, biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks (ĠU L 299, p. 25), tistabbilixxi:

"Il-liġijiet dwar it-trade marks applikabbli fl-Istati Membri qabel id-dħul fis-seħħ [tal-Ewwel] Direttiva [tal-Kunsill 89/104/KEE, tal-21 ta' Diċembru 1988, biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 92)] kellhom fihom disparitajiet li setgħu fixklu l-moviment liberu tal-merkanzija u l-libertà tal-provvista ta' servizzi u setgħu wasslu għal distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq komuni. Kien għalhekk meħtieġ li jiġu approssimati l-liġijiet ta' l-Istati Membri sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tas-suq intern."

10 L-Artikolu 10(1) ta' din id-direttiva jipprovdi:

"Jekk, f'perijodu ta' ħames snin wara d-data tat-tlestija tal-proċedura tar-reġistrazzjoni, il-proprjetarju ma wżax it-trade mark ġenwinament fl-Istat Membru relattivament għall-merkanzija jew is-servizzi li għalihom hija ġiet reġistrata, jew jekk tali użu ġie sospiż matul perijodu mhux interrott ta' ħames snin, it-trade mark għandha tkun suġġettibbli għas-sanzjonijiet previsti f'din id-Direttiva, sakemm m'hemmx raġunijiet tajba għan-nuqqas ta' użu.

[…]”

Il-Konvenzjoni Benelux dwar il-Proprjetà Intellettwali

11 Il-Konvenzjoni Benelux dwar il-Proprjetà Intellettwali (Trade marks u Disinni), iffirmata f’Den Haag fil-25 ta’ Frar 2005, fil-verżjoni emendata fis-seħħ mill-1 ta’ Frar 2007 (iktar ’il quddiem il-“KBPI”), fost affarijiet oħra, tfittex li tiġbor b’mod sistematiku u trasparenti f’test wieħed, il-liġijiet uniformi li jittrasponu l-Ewwel Direttiva 89/104, imħassra u ssostitwita bid-Direttiva 2008/95.

12 Skont l-Artikolu 2.3 tal-KBPI:

“Fid-determinazzjoni tal-ordni ta’ prijorità ta’ applikazzjoni, għandu jittieħed kont tad-drittijiet, eżistenti fil-mument tal-applikazzjoni u fis-seħħ fil-mument tal-kwistjoni, fi:

a. trade marks identiċi rreġistrati għal prodotti jew servizzi identiċi;

b. trademarks identiċi jew simili li saret applikazzjoni għalihom għal prodotti jew servizzi identiċi jew simili, fejn ikun hemm probabbiltà ta’ konfużjoni min-naħa tal-pubbliku li tinkludi r-riskju ta’ assoċjazzjoni ma’ trademark preċedenti;

[…].”

13 L-Artikolu 2.14(1) tal-KBPI jiddisponi:

“1. L-applikant jew il-proprjetarju ta’ trade mark preċedenti għandu, f’terminu ta’ xahrejn mill-ewwel jum tax-xahar ta’ wara l-pubblikazzjoni tal-applikazzjoni, jagħmel oppożizzjoni bil-miktub, quddiem l-Uffiċċju, għal trade mark li:

a. fl-ordni ta’ prijorità, tikklassifika wara tiegħu, konformement għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2.3(a) u (b), jew

[…]”.

14 Skont l-Artikolu 2.45 tal-KBPI, “[l]-Artikolu 2.3 u l-Artikolu 2.28(3)(a) japplikaw meta r-reġistrazzjoni tkun ibbażata fuq l-applikazzjoni preċedenti ta’ trade mark Komunitarja”.

15 L-Artikolu 2.46 tal-KBPI jipprevedi:

“L-Artikolu 2.3 u l-Artikolu 2.28(3)(a) japplikaw għat-trade marks Komunitarji li l-preċedenza tagħhom fit-territorju Benelux tiġi invokata validament konformement għar-regolament dwar it-trade mark Komunitarja anki jekk ir-reġistrazzjoni Benelux jew internazzjonali li fir-rigward tagħha hija bbażata l-preċedenza tħassret volontarjament jew skadiet.”

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

16 Fis-27 ta’ Lulju 2009, Hagelkruis applikat għar-reġistrazzjoni mal-Uffiċċju dwar il-Proprjetà Intellettwali tal-Benelux (Trade marks u Disinni) (UPIB) tat-trade mark verbali OMEL għal servizzi fil-klassijiet 35 (reklamar u pubbliċità; amministrazzjoni kummerċjali; funzjonijiet ta’ uffiċċju, ġestjoni tan-negozju; marketing), 41 (formazzjoni, korsijiet u taħriġ; organizzazzjoni ta’ seminars u boroż ta’ studju) u 45 (servizzi legali) skont il-Ftehim ta’ Nice dwar il-klassifikazzjoni internazzjonali ta’ prodotti u servizzi għall-finijiet tar-reġistrazzjoni ta’ trade marks, tal-15 ta’ Ġunju 1957, hekk kif irrevedut u emendat.

17 Leno hija proprjetarja tat-trade mark verbali Komunitarja ONEL, ippreżentata fid-19 ta' Marzu 2002 u rreġistrata fit-2 ta' Ottubru 2003, għas-servizzi fil-klassijiet 35, 41 u 42 fis-sens ta' dan il-ftehim.

18 Fit-18 ta' Awwissu 2009, Leno għamlet oppożizzjoni kontra l-applikazzjoni tat-trade mark OMEL ta' Hagelkruis, billi bbażat ruħha fuq id-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikoli 2.14(1) u 2.3(a) jew(b) tal-KBPI. Hagelkruis wieġbet għal din l-oppożizzjoni billi talbet li jitressqu provi tal-użu tat-trade mark Komunitarja.

19 Permezz tad-deċiżjoni tal-15 ta' Jannar 2010, l-UPIB ċaħad din l-oppożizzjoni minħabba li Leno ma kinitx weriet użu ġenwin tat-trade mark tagħha ONEL matul il-perijodu ta' ħames snin qabel id-data tal-pubblikazzjoni tal-applikazzjoni kkontestata. Leno ressqet rikors quddiem il-Gerechtshof te 's-Gravenhage kontra din id-deċiżjoni.

20 Skont il-qorti tar-rinviju, il-partijiet jaqblu fuq il-fatt li ż-żewġ trade marks huma simili u huma rreġistrati għal servizzi identiċi jew simili kif ukoll fuq il-fatt li l-użu tat-trade mark OMEL jista' joħloq f'moħħ il-pubbliku probabbiltà ta' konfużjoni fis-sens tal-Artikolu 2.3(b) tal-KBPI. Madankollu, dawn ma jaqblux dwar l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "użu ġenwin" fis-sens tal-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 207/2009 u, b'mod partikolari, fuq il-portata territorjali meħtieġa għal dan l-użu.

21 Mill-ispjegazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju jirriżulta li, waqt li huwa stabbilit li Leno għamlet użu ġenwin mit-trade mark preċedenti ONEL matul il-perijodu rilevanti fil-Pajjiżi l-Baxxi, hija ma produċietx il-prova tal-użu ta' din it-trade mark fil-bqija tal-Komunità.

22 Din il-qorti tfakkar li jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (ara s-sentenzi tal-11 ta' Marzu 2003, Ansul, C-40/01, Ġabra p. I-2439, punt 43, u tal-11 ta' Mejju 2006, Sunrider vs UASI, C-416/04 P, Ġabra p. I-4237, punti 66, 70 sa 73 u 76, kif ukoll id-digriet tas-27 ta' Jannar 2004, La Mer Technology, C-259/02, Ġabra p. I-1159, punt 27) li "l-użu ġenwin" huwa kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni, li l-portata territorjali tal-użu hija biss wieħed mill-elementi li għandhom jiġu kkunsidrati fl-evalwazzjoni ta' jekk trade mark preċedenti kienet jew le suġġetta għal "użu ġenwin" tal-prodotti jew tas-servizzi li għalihom hija kienet ġiet irreġistrata u li l-użu ta' din it-trade mark fi Stat Membru wieħed ma twassalx neċessarjament għall-konklużjoni li ma jistax ikun hemm "użu ġenwin" fil-Komunità.

23 Madankollu, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar l-importanza tad-dikjarazzjoni konġunta Nru 10 li tikkonċerna l-Artikolu 15 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94, tal-20 ta' Diċembru 1993, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 146), inkluża fil-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea matul l-adozzjoni tar-Regolament Nru 40/94 (ippubblikat fil-ĠU UASI 1996, p. 613, iktar 'il quddiem id-"dikjarazzjoni konġunta"), li tipprovdi li "[i]l-Kunsill u l-Kummissjoni jikkunsidraw li użu ġenwin fis-sens tal-Artikolu 15 f'pajjiż wieħed jikkostitwixxi użu ġenwin fil-Komunità".

24 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Gerechtshof te 's-Gravenhage ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1. L-Artikolu 15(1) tar-Regolament [Nru 207/2009] għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa biżżejjed sabiex ikun hemm użu ġenwin ta' trade mark Komunitarja li din tkun intużat fit-territorju ta' Stat Membru wieħed, [ġaladarba], li kieku kienet trade mark nazzjonali, dan l-użu kien jiġi kkunsidrat f'dan l-Istat Membru bħala użu ġenwin [ara d-dikjarazzjoni konġunta Nru 10 dwar l-Artikolu 15 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 tal-20 ta' Diċembru 1993 u l-linji gwida tal-UASI dwar l-oppożizzjoni]?

2) Jekk tingħata risposta negattiva għall-ewwel domanda, l-użu ta' trade mark Komunitarja fi Stat Membru wieħed [kif deskritt iktar 'il fuq] ma jista' [qatt] jiġi kkunsidrat bħala użu ġenwin fil-Komunità fis-sens tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament [Nru 207/2009]?

3) Jekk l-użu ta' trade mark Komunitarja fi Stat Membru wieħed qatt ma jista' jiġi kkunsidrat bħala użu ġenwin fil-Komunità, liema kriterji [japplikaw] f'dak li jirrigwarda l-portata territorjali tal-użu ta' trade mark Komunitarja flimkien mal-fatturi l-oħra li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jiġi stabbilit użu ġenwin fil-Komunità?

4) [Jew inkella – bħala alternattiva għal dak li ngħad hawn fuq –] l-Artikolu 15 tar-Regolament [Nru 207/2009] għandu jiġi interpretat fis-sens li, l-evalwazzjoni tal-użu ġenwin fil-Komunità għandha ssir [kompletament fl-astratt,] billi b'ebda mod ma jitqiesu l-fruntieri tat-territorju tal-Istati Membri differenti [u li, pereżempju, issir b'riferiment għall-ishma tas-suq (swieq tal-prodott jew swieq ġeografiċi)]?"

Fuq id-domandi preliminari

25 Permezz tad-domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi, jekk l-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 207/2009 għandux jiġi interpretat fis-sens li l-użu ġenwin ta' trade mark Komunitarja fi Stat Membru wieħed huwa suffiċjenti biex jissodisfa r-rekwiżit ta' "użu ġenwin fil-Komunità" ta' trade mark fis-sens ta' din id-dispożizzjoni jew jekk, sabiex jevalwa dan ir-rekwiżit, jeħtieġ li l-fruntieri tat-territorju tal-Istati Membri ma għandhomx jitqiesu.

26 Preliminarjament, hemm lok li jitfakkar li l-protezzjoni tat-trade marks fi ħdan l-Unjoni Ewropea hija kkaratterizzata mill-koeżistenza ta' diversi sistemi ta' protezzjoni. Minn naħa, id-Direttiva 2008/95 għandha, skont it-tieni premessa tagħha, l-għan li jiġu approssimati l-liġijiet nazzjonali dwar it-trade marks, bil-għan li jiġu eliminati d-differenzi eżistenti li jistgħu jfixklu l-moviment liberu ta' prodotti u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi u li jistgħu jgħawwġu l-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni fis-suq komuni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Marzu 2012, GENESIS, C-190/10, punti 30 u 31).

27 Min-naħa l-oħra, ir-Regolament Nru 207/2009 għandu bħala għan, kif jirriżulta mit-tielet premessa tiegħu, l-istabbiliment ta' sistema Komunitarja ta' trade marks li jgawdu minn protezzjoni uniformi u li jipproduċu l-effetti tagħhom fit-territorju kollu tal-Unjoni (ara f'dan is-sens, is-sentenzi tat-12 ta' April 2011, DHL Express France, C-235/09, Ġabra p. I-2801, punt 41, u GENESIS, iċċitata iktar 'il fuq, punt 35).

28 Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà interpretat il-kunċett ta' "użu ġenwin" tat-trade marks nazzjonali fis-sentenzi iċċitati iktar 'il fuq Ansul u Sunrider vs UASI kif ukoll fid-digriet La Mer Technology, iċċitat iktar 'il fuq, meta kkunsidrat li dan jirrigwarda kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni li għandu jiġi interpretat b'mod uniformi.

29 Skont din il-ġurisprudenza, trade mark hija s-suġġett ta' "użu ġenwin" meta tiġi użata, b'konformità mal-funzjoni essenzjali tagħha li hija li tiżgura l-identità tal-oriġini tal-prodotti jew tas-servizzi li għalihom hija ġiet irreġistrata, sabiex toħloq jew iżżomm suq tal-bejgħ għal dawn il-prodotti u s-servizzi, bl-esklużjoni ta' użi ta' natura simbolika li għandhom l-uniku għan li jżommu d-drittijiet mogħtija mit-trade mark. L-evalwazzjoni tal-karattru ġenwin tal-użu tat-trade mark għandha tkun ibbażata fuq il-fatti u ċ-ċirkustanzi kollha li jistgħu jistabbilixxu r-realtà tal-isfruttament kummerċjali tagħha fin-negozju, b'mod partikolari dawk l-użi meqjusa li huma ġġustifikati fis-settur ekonomiku rilevanti sabiex jinżammu jew jinħolqu ishma tas-suq għall-prodotti jew servizzi mħarsa mit-trade mark, in-natura ta' dawn il-prodotti jew servizzi, il-karatteristiċi tas-suq, id-dimensjoni u l-frekwenza tal-użu tat-trade mark (sentenzi, iċċitati iktar 'il fuq, Ansul, punt 43, u Sunrider vs UASI, punt 70, kif ukoll id-digriet La Mer Technology, iċċitata iktar 'il fuq, punt 27).

30 Il-Qorti tal-Ġustizzja tinnota wkoll li l-importanza territorjali tal-użu huwa biss wieħed fost fatturi oħrajn, li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jiġi ddeterminat jekk l-użu huwiex ġenwin jew le (ara s-sentenza Sunrider vs UASI, iċċitata iktar 'il fuq, punt 76).

31 Din l-interpretazzjoni hija applikabbli b'analoġija għat-trade marks Komunitarji sa fejn, waqt li tirrikjedi użu ġenwin tat-trade mark, id-Direttiva 2008/95 u r-Regolament Nru 207/2009 jkollhom l-istess għan.

32 Fil-fatt, jirriżulta kemm mill-premessa 9 ta' din id-direttiva kif ukoll mill-premessa 10 ta' dan ir-regolament li l-intenzjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni kienet iż-żamma tad-drittijiet marbuta mat-trade mark, rispettivament, nazzjonali u Komunitarji, bil-kundizzjoni li dawn ikunu effettivament użati. Hekk kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punti 30 u 32 tal-konklużjonijiet tiegħu, trade mark Komunitarja li ma tkunx użata tkun tista' tfixkel il-kompetizzjoni billi tillimita il-firxa ta' sinjali li jistgħu jiġu rreġistrati minn oħrajn bħala trade mark u tiċħad lill-kompetituri mill-possibbiltà li jużaw din it-trade mark jew trade mark simili meta jitqiegħdu fis-suq intern prodotti jew servizzi identiċi jew simili għal dawk protetti mit-trade mark inkwistjoni. Konsegwentement, in-nuqqas ta' użu ta' trade mark Komunitarja jista' wkoll jirrestriġi l-moviment liberu tal-merkanzija u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

33 Madankollu, matul l-applikazzjoni b'analoġija tal-ġurisprudenza msemmija fil-punt 29 ta' din is-sentenza fir-rigward tat-trade marks Komunitarji, għandha tiġi kkunsidrata d-differenza bejn il-portata territorjali tal-protezzjoni mogħtija lit-trade marks nazzjonali u l-protezzjoni mogħtija lit-trade marks Komunitarji, differenza li barra minn hekk tirriżulta mill-kliem tad-dispożizzjonijiet relatati mar-rekwiżit tal-użu ġenwin rispettivament applikabbli għal dawn iż-żewġ tipi ta' trade marks.

34 Għalhekk, minn naħa, l-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 207/2009 jipprovdi li "[j]ekk, fi żmien ħames snin wara r-reġistrazzjoni, il-proprjetarju ma jkunx għamel użu ġenwin mit-trade mark Komunitarja fil-Komunità f'konnessjoni mal-prodotti jew mas-servizzi li għalihom tkun reġistrata, jew jekk dan l-użu jkun ġie sospiż għal perjodu kontinwu ta' ħames snin, it-trade mark Komunitarja għandha tkun suġġetta għas-sanzjonijiet li jipprovdi dan ir-regolament, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet xierqa għal dan in-nuqqas ta' użu". Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2008/95 essenzjalment jinkludi l-istess regola fir-rigward tat-trade marks nazzjonali, filwaqt li jipprovdi wkoll li dawn għandhom ikunu suġġetti għal użu ġenwin "fl-Istat Membru kkonċernat".

35 Din id-differenza fir-rigward tal-portata territorjali tal-"użu ġenwin" bejn iż-żewġ sistemi tat-trade marks hija enfasizzata, barra minn hekk, mill-Artikolu 42(3) tar-Regolament Nru 207/2009. Dan jipprovdi li r-regola stabbilita fl-Artikolu 42(2), jiġifieri, li fil-każ ta' oppożizzjoni, l-applikant għal trade mark Komunitarja jista' jitlob prova li t-trade mark Komunitarja preċedenti kellha użu ġenwin fil-Komunità, hija wkoll applikabbli għat-trade marks nazzjonali preċedenti, "dana billi l-użu f' l-Istat Membru fejn it-trade mark nazzjonali preċedenti hija protetta jiġi sostitwit b'użu fil-Komunità".

36 Madankollu, għandu jiġi osservat li, hekk kif jirriżulta mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 30 ta' din is-sentenza, il-portata territorjali tal-użu ma jikkostitwixxix kriterju distint tal-użu ġenwin, iżda wieħed mill-komponenti ta' dan l-użu, li għandu jiġi integrat fl-analiżi ġenerali u studjat flimkien mal-komponenti l-oħra ta' dan. F'dan ir-rigward, il-kliem "fil-Komunità" huma maħsuba sabiex jiddefinixxu s-suq ġeografiku rilevanti għal kull analiżi tal-eżistenza ta' użu ġenwin ta' trade mark Komunitarja.

37 Huwa għalhekk meħtieġ, sabiex tingħata risposta għad-domandi magħmula, li jiġi mistħarreġ xi tfisser l-espressjoni "użu ġenwin fil-Komunità", fis-sens tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 207/2009.

38 Il-kliem ta' din id-dispożizzjoni ma fih ebda referenza għat-territorju tal-Istati Membri. Madankollu, huwa ċar minn dan li t-trade mark Komunitarja għandha tintuża' fil-Komunità, li jfisser, fi kliem ieħor, li l-użu ta' din it-trade mark fi Stati terzi ma jistax jittieħed inkunsiderazzjoni.

39 Fl-assenza ta' kjarifiki oħra fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 207/2009, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni tal-kuntest ta' din id-dispożizzjoni kif ukoll tas-sistema stabbilita mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni u tal-għanijiet minnha mfittxa.

40 Fir-rigward tal-għanijiet imfittxija permezz tar-Regolament Nru 207/2009, jirriżulta mill-qari flimkien tal-premessi 2, 4 u 6 li dan huwa intiż sabiex ineħħi l-ostakoli tat-territorjalità tad-drittijiet li l-liġijiet tal-Istati Membru jagħtu lill-proprjetarji tat-trade marks billi jippermettu lill-impriżi jadattaw l-attivitajiet ekonomiċi tagħhom għad-dimensjoni Komunitarja u jeżerċitawhom mingħajr ostakolu. It-trade mark Komunitarja tippermetti wkoll lill-proprjetarju tagħha li tidentifika prodotti jew servizzi b'mod identiku fil-Komunità kollha, irrispettivament mill-fruntieri. Min-naħa l-oħra, l-impriżi li ma jridux protezzjoni tat-trade marks tagħhom fuq livell Komunitarju jistgħu jagħżlu li jużaw trade marks nazzjonali, mingħajr ma jkunu obbligati li jirreġistraw it-trade marks tagħhom bħala trade marks Komunitarji.

41 Sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, il-leġiżlatur tal-Unjoni pprovda fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament Nru 207/2009, moqri flimkien mal-premessa 3 ta' dan, li t-trade mark Komunitarja għandha karattru unitarju, li jfisser li hija tgawdi minn protezzjoni uniformi u tipproduċi l-istess effetti fit-territorju kollu tal-Komunità. Din ma tistax, bħala prinċipju, tiġi rreġistrata, jew ittrasferita, tkun is-suġġett ta' deċiżjoni li tirrevoka d-drittijiet tal-proprjetarju jew li tiddikjaraha bħala invalida, u lanqas ma jista' jiġi pprojbit l-użu tagħha, sakemm mhux fir-rigward tal-Komunità kollha.

42 L-għan tas-sistema tat-trade marks Komunitarji, hekk kif jirriżulta mill-premessa 2 ta' dan ir-regolament, huwa għalhekk li fis-suq intern tipprovdi kundizzjonijiet simili għal dawk li jeżistu f'suq nazzjonali. F'dan il-kuntest, il-fatt li għandha tingħata tifsira partikolari lit-territorji tal-Istati Membri, fil-kuntest tas-sistema Komunitarja tat-trade marks, jostakola t-twettiq tal-għanijiet stabbiliti fil-punt 40 ta' din is-sentenza u jippreġudika l-karattru unitarju tat-trade mark Komunitarja.

43 Ċertament, jirriżulta mill-eżami sistematiku tar-Regolament Nru 207/2009 li hemm referenza għat-territorju ta' Stat Membru wieħed jew iktar fit-test ta' ċerti dispożizzjonijiet tiegħu. Madankollu, għandu jiġi nnotat li tali referenzi huma b'mod partikolari magħmula fil-kuntest tat-trade marks nazzjonali, fid-dispożizzjonijiet dwar il-ġurisdizzjoni u l-proċedura fir-rigward ta' kawżi dwar it-trade marks Komunitarji kif ukoll f'regoli dwar ir-reġistrazzjoni internazzjonali, filwaqt li l-espressjoni "fil-Komunità" hija ġeneralment użata mad-drittijiet mogħtija mit-trade mark Komunitarja.

44 Jirriżulta mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti li, sabiex tevalwa l-eżistenza ta' "użu ġenwin fil-Komunità", fis-sens tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 207/2009, ma għandhomx jitqiesu l-fruntieri tat-territorju tal-Istati Membri.

45 Din l-interpretazzjoni ma tistax tiġi invalidata bid-dikjarazzjoni konġunta msemmija fil-punt 23 ta' din is-sentenza u li permezz tagħha "użu ġenwin fis-sens tal-Artikolu 15 f'pajjiż wieħed jikkostitwixxi użu ġenwin fil-Komunità", u lanqas permezz tal-linji gwida tal-UASI dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni li fihom essenzjalment jinkludu l-istess regola.

46 Minn naħa, fir-rigward tad-dikjarazzjoni konġunta, jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita li meta dikjarazzjoni inkluża f'minuti tal-Kunsill ma tkunx ġiet espressament imsemmija fit-test ta' dispożizzjoni ta' liġi sekondarja, din ma tistax tiġi kkunsidrata fl-interpretazzjoni ta' din tal-aħħar (ara s-sentenzi tas-26 ta' Frar 1991, Antonissen, C-292/89, Ġabra p. I-745, punt 18; tas-6 ta' Mejju 2003, Libertel, C-104/01, Ġabra p. I-3793, punt 25; tal-10 ta' Jannar 2006, Skov u Bilka, C-402/03, Ġabra p. I-199, punt 42, kif ukoll tad-19 ta' April 2007, Farrell, C-356/05, Ġabra p. I-3067, punt 31).

47 Barra minn hekk, il-Kunsill u l-Kummissjoni rrikonoxxew espressament din il-limitazzjoni fil-preambolu tad-dikjarazzjoni tagħhom, li jgħid li "peress li d-dikjarazzjonijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, li jinsabu iktar 'l isfel, ma jiffurmawx parti mit-test legali, huma mingħajr ħsara għall-interpretazzjoni tiegħu mill-Qorti tal-Ġustizzja".

48 Min-naħa l-oħra, f'dak li jirrigwarda l-linji gwida tal-UASI, għandu jiġi nnutat li dawn ma jikkostitwixxux atti legalment vinkolanti għall-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni.

49 Bl-istess mod, l-affermazzjoni magħmula minn xi persuni kkonċernati li ppreżentaw osservazzjonijiet fil-kuntest tal-proċeduri preżenti, li l-portata territorjali tal-użu ta' trade mark Komunitarja fl-ebda każ ma tista' tkun limitata għat-territorju ta' Stat Membru wieħed ma tistax tirnexxi. Din l-affermazzjoni hija bbażata fuq l-Artikolu 112(2)(a) tar-Regolament Nru 207/2009, fejn huwa possibbli għal trade mark Komunitarja, li l-proprjetarju tagħha jkunu ġew irrevokati d-drittijiet tiegħu minħabba nuqqas ta' użu, li tinqaleb f'applikazzjoni għal trade mark nazzjonali jekk "it-trade mark Komunitarja ma tkunx intużat fl-Istat Membru li għalih tkun qiegħda tintalab il-konverżjoni b'mod li jitqies bħala użu ġenwin taħt il-liġijiet ta' dak l-Istat Membru".

50 Madankollu, filwaqt li huwa raġonevoli li wieħed jistenna li trade mark Komunitarja, minħabba fil-fatt li hija għandha protezzjoni territorjali usa' minn trade mark nazzjonali, tkun suġġetta għal użu fuq territorju usa' minn dik ta' Stat Membru wieħed sabiex dan ikun jista' jiġi kklassifikat bħala "użu ġenwin", ma huwiex eskluż li f'ċerti ċirkustanzi, is-suq tal-prodotti jew tas-servizzi li għalihom trade mark Komunitarja tkun ġiet irreġistrata jkun, fil-fatt, limitat għat-territorju ta' Stat Membru wieħed. F'każ bħal dan, l-użu tat-trade mark Komunitarja fuq dan it-territorju jista' jwieġeb minnufih għall-kundizzjoni ta' użu ġenwin ta' trade mark Komunitarja u għal dak tal-użu ġenwin ta' trade mark nazzjonali.

51 Hekk kif enfasizza l-Avukat Ġenerali fil-punt 63 tal-konklużjonijiet tiegħu, huwa biss fil-każ fejn qorti nazzjonali tikkunsidra, fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, li l-użu fi Stat Membru ma kienx biżżejjed biex jikkostitwixxi użu ġenwin fil-Komunità li xorta jkun possibbli li tibdel it-trade mark Komunitarja f'applikazzjoni għal trade mark nazzjonali skont l-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 112(2)(a) tar-Regolament Nru 207/2009.

52 Uħud mill-persuni kkonċernati li ppreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom lill-Qorti tal-Ġustizzja jargumentaw ukoll li, anki jekk ma għandhomx jitqiesu l-fruntieri tat-territorju tal-Istati Membri fis-suq intern, il-kundizzjoni tal-użu ġenwin ta' trade mark Komunitarja teżiġi li dan ikun użat f'parti sostanzjali tat-territorju tal-Komunità, li jista' jikkorrispondi għat-territorju ta' Stat Membru. Tali kriterju, jirriżulta b'analoġija, mis-sentenzi tal-14 ta' Settembru 1999, General Motors (C-375/97, Ġabra p. I-5421, punt 28); tat-22 ta' Novembru 2007, Nieto Nuño (C-328/06, Ġabra p. I-10093, punt 17), u tas-6 ta' Ottubru 2009, PAGO International (C-301/07, Ġabra p. I-9429, punt 27).

53 Dan l-argument ma jistax jiġi milqugħ. Minn naħa, din il-ġurisprudenza tirrigwarda l-interpretazzjoni ta' dispożizzjonijiet li jirrigwardaw il-protezzjoni usa' mogħtija lit-trade marks li għandhom fama u reputazzjoni fil-Komunità jew fl-Istat Membru li fihom ikunu ġew irreġistrati. Madankollu, dawn id-dispożizzjonijiet għandom għan differenti mir-rekwiżit tal-użu ġenwin, li jista' jirriżulta fiċ-ċaħda tal-oppożizzjoni jew ukoll fir-revoka tat-trade mark, hekk kif previst b'mod partikolari fl-Artikolu 51 tar-Regolament Nru 207/2009.

54 Min-naħa l-oħra, filwaqt li huwa raġonevoli li wieħed jistenna li trade mark Komunitarja għandha tintuża fuq territorju ikbar minn dak tat-trade marks nazzjonali, ma huwiex neċessarju li dan l-użu jiġi ġeografikament estiż sabiex jiġi kklassifikat bħala ġenwin, minħabba li tali klassifikazzjoni tiddependi fuq il-karatteristiċi tal-prodott jew tas-servizz ikkonċernat fis-suq korrispondenti (ara, b'analoġija, fir-rigward tal-portata kwantitattiva tal-użu, is-sentenza Ansul, iċċitata iktar 'il fuq, punt 39).

55 Peress li l-evalwazzjoni tal-karattru tal-użu tat-trade mark hija bbażata fuq il-fatti u ċ-ċirkustanzi kollha li juru li l-użu kummerċjali ta' din it-trade mark tippermetti li jinħolqu jew jinżammu ishma tas-suq għall-prodotti jew għas-servizzi li għalihom tkun ġiet irreġistrata, huwa impossibbli li jiġi ddeterminat *a priori*, b'mod astratt, liema portata territorjali għandha tintuża sabiex jiġi ddeterminat jekk l-użu ta' din it-trade mark għandha jew le karattru ġenwin. Għalhekk, regola *de minimis*, li ma tippermettix lill-qorti nazzjonali li tevalwa ċ-ċirkustanzi kollha tal-kawża quddiemha, ma tistax tiġi ffissata (ara, b'analoġija, id-digriet La Mer Technology, iċċitat iktar 'il fuq, punti 25 u 27, kif ukoll is-sentenza Sunrider vs UASI, iċċitata iktar 'il fuq, punti 72 u 77).

56 Fir-rigward tal-użu tat-trade mark Komunitarja inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex il-fatti kollha meħtieġa li jippermettulha tagħti lill-qorti tar-rinviju l-indikazzjonijiet l-iktar konkreti dwar l-eżistenza ta' użu ġenwin tat-trade mark jew le. Għalhekk, kif jirriżulta mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti, hija din il-qorti li għandha tiddetermina jekk it-trade mark inkwistjoni hija użata skont il-funzjoni essenzjali tagħha u bil-għan li toħloq jew iżżomm ishma tas-suq għall-prodotti jew għas-servizzi protetti. Din l-evalwazzjoni għandha tkun ibbażata fuq il-fatti u ċ-ċirkustanzi rilevanti kollha għall-kawża prinċipali, bħalma huma b'mod partikolari l-karatteristiċi tas-suq inkwistjoni, in-natura tal-prodotti jew tas-servizzi protetti mit-trade mark, il-portata territorjali u kwantitattiva tal-użu kif ukoll il-frekwenza u r-regolarità ta' din tal-aħħar.

57 Għalhekk, hemm lok li tingħata bħala risposta, għad-domandi magħmula, li l-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 207/2009 għandu jiġi interpretat fis-sens li, sabiex tevalwa l-eżistenza ta' "użu ġenwin fil-Komunità" ta' trade mark fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, ma għandhomx jitqiesu l-fruntieri tat-territorju tal-Istati Membri.

58 Trade mark Komunitarja għandha tkun is-suġġett ta' "użu ġenwin", fis-sens tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 207/2009, meta użata skont il-funzjoni essenzjali tagħha u bil-għan li żżomm jew toħloq ishma tas-suq fil-Komunità għall-prodotti jew għas-servizzi identifikati minn din it-trade mark. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa jekk il-kundizzjonijiet huma sodisfatti fil-kawża prinċipali, billi tikkunsidra l-fatti u ċ-ċirkustanzi rilevanti, bħalma huma b'mod partikolari l-karatteristiċi tas-suq inkwistjoni, in-natura tal-prodotti jew tas-servizzi protetti mit-trade mark, il-portata territorjali u kwantitattiva tal-użu kif ukoll il-frekwenza u r-regolarità ta' din tal-aħħar.

Fuq l-ispejjeż

59 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jiġu rrimborsati.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 15(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja, għandu jiġi interpretat fis-sens li, sabiex tevalwa l-eżistenza ta' "użu ġenwin fil-Komunità" ta' trade mark fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, ma għandhomx jitqiesu l-fruntieri tat-territorju tal-Istati Membri.

Trade mark Komunitarja għandha tkun is-suġġett ta' "użu ġenwin", fis-sens tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 207/2009, meta użata skont il-funzjoni essenzjali tagħha u bil-għan li żżomm jew toħloq ishma tas-suq fil-Komunità Ewropea għall-prodotti jew għas-servizzi identifikati minn din it-trade mark. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa jekk il-kundizzjonijiet huma sodisfatti fil-kawża prinċipali, billi tikkunsidra l-fatti u ċ-ċirkustanzi rilevanti, bħalma huma b'mod partikolari l-karatteristiċi tas-suq inkwistjoni, in-natura tal-prodotti jew tas-servizzi protetti mit-trade mark, il-portata territorjali u kwantitattiva tal-użu kif ukoll il-frekwenza u r-regolarità ta' din tal-aħħar.

Firem